MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1079/1997/1

**Carmelo u Frances Bugeja**
**vs**
**Anthony Stagno u John Stagno u b' digriet tat-13 ta' Ottubru 1998 gew kjamati in kawza Dolores Stagno u Rosanna Stagno**

Il-Qorti,
Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew: illi huma kellhom il-pussess u jew id-detenzjoni tal-garage formanti parti mill-fond 'Yallourne' fi Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk; illi l-konvenuti Anthony u John Stagno fit-28 ta' Marzu 1997 ikkommettew spoll vjolenti u klandestin billi qacctu l-bieb tal-garage, il-meter ta' l-ilma u qacctu kanen ta' l-ilma u l-wire tat-telefon, qacctu t-tank ta' l-ilma fuq il-bejt ta' l-istess fond; illi dan jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin u l-atturi qed jagixxu infra bimestre;

Talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddecidi li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin;
2. Tordna lill-konvenuti fi zmien qasir u perentorju jirripristinaw lill-atturi fl-istat pimier qabel l-ispoll;
3. Tawtoriza lill-atturi sabiex fin-nuqqas taghhom jaghmlu x-xogholijiet necessarji a spejjez tal-konvenuti okkorrento that is-supervizjoni ta’ arkittett nominandi.

Bl-ispejjez u bir-riserva ta’ kull dritt u azzjoni fil-ligi. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza Dolores Cecilia Stagno li biha eccepiex: 1. Illi l-konvenuti ma kkommettew ebda spoll fil-konfront ta’ l-atturi; u 2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-agir citat fil-premessi tac-citazzjoni odjerna ma jikkostitwix spoll. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-atturi u tal-imsemmija kjamata fil-kawza, u l-listi tax-xhieda;

Rat li l-konvenuti l-ohra debitament notifikati baqghu kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati u n-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsiderat:

**Kwadru tal-fatti**
Illi din il-kawza giet stimulata minn avvenimenti li sehhew ghall-ahhar ta’ Marzu 1997 fil-fond Yallourne fi Triq il-Kavallerizza Marsaxlokk abitat mill-atturi u certu Pauline Stagno li tigi omm l-attrici u l-konvenuti Anthony u John Stagno. Milli provi rrizulta li dan il-fond jappartjeni lill-imsemmija Pauline Stagno u lil uliehda, izda ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena jghixu fih l-attrici Frances u r-ragel taghha Carmelo Bugeja, u dan bil-kunsens ta’ Pauline Stagno.

Illi jidher li hut, Frances Bugeja u cioe' il-konvenuti Stagno, riedu li din u zewgha jizgumbraw minn dan il-fond sabiex ikunu jistghu jiddisponu minnu u jgawduh l-ahwa kollha, inkluz ghalhekk il-konvenuti. B' dan il-ghan il-konvenuti Anthony u John, ahwa Stagno, ghall-ahhar ta' Marzu 1997 ikkommettew atti turbattivi tal-pussess tal-atturi, liema atti jikkonsistu filli qalghu l-bieb tal-garage tal-imsemmi fond, qacctu l-kanen tal-ilma kemm fil-garage kif ukoll fuq il-bejt tal-fond, qalghu l-meter ta' ilma u qatghu l-linja tat-telefon. Dan sar bi vjolenza u minghajr il-kunsens tal-atturi.

Il-konvenuti minn naha taghhom qed jeccepixxu li ma kien hemm ebda turbament tal-pussess u dak li sar ma sarx la klandestinament u lanqas bi vjolenza, izda sar bil-kunsens u fuq rikjesta ta' ommhom, ko-proprjetarja u ko-pussessur, tal-istess fond biex jaghmlu xoghol ta' tiswija. Inoltre, il-konvenuti qed jeccepixxu li, anke jekk *dato ma non concesso* verament kien hemm vjolenza u li dak li sar, fil-fatt sar kontra l-volonta' tal-pussessuri tal-fond, jonqos l-element tal-ispoll, u "r-rimedju tal-atturi kien jikkonsisti f' kawza ghad-danni u mhux kawza ta' spoll ghaliex ma jikkonkorrux l-elementi kollha ta' l-ispoll".

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

***Osservazzjonijiet guridici***

Illi in vena legali l-Qorti tosserva li l-azzjoni in disamina hija bazata fuq id-dispost tal-artikolu 535 tal-Kap 16 li jiddixxiplina l-azzjoni ta' spoll vjolent li ghandu bhala elementi kostituttivi tieghu tlett fatturi: il-pussess ***(possidesse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qbael ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxissesse).***

L-actio spolii hija radikata fuq l-esigenza ta' utilitia' socjali, intiza sabiex tkun esitiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f' idejh, b' dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrtat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi riprestinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha. *Spoliatur*

*ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa indubbjament ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b' awtorita' privata jghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jesercitah minghajr l-intervent tal-Qrati ***[Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500]***

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li *"All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione **..**"(**Camilleri v Agius** PA.20/10/1882).* Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess materiale u di fatto *[**Vol.XXXVII.I.280**]. Spoll vjolent u abusiv "jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li marte proprio jmur kontra l-persuna spoljata" [**Vol.XLI.II.1133**];* u *"neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto**"[Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49].***

Inolte gie affirmat li ghall-promozzjoni ta' din l-azzjoni, mhux necessarju li l-pussess ikun esklusiv. *"Anzi l-Qrati nostrana dejjem ippermettew li l-ko possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklusiv" [PA* ***Alfred Pisani vs Victor Farrugia*** *[FGC] 21.01.94]*

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza ***[Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79].***

***Osservazzjonijiet fattwali***

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li mill-provi migjuba l-Qorti hija propensa li taghti affidament ghal-versjoni tal-fatti kif proposta mill-atturi, u mhux ghal dik tal-konvenuti li ghandha tigi skartata. Il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenuti ghamlu dawk l-atti fil-fond de quo fuq rikjesta ta' hadd u bi

vjolenza u bi skop li jivvessaw lill-atturi b’ mod li dawn jizgumbraw minn hemm.

Illi inoltre l-argument ulterjuri tal-konvenut li f’ dan il-kaz ma jikkonkorrux l-elementi kollha tal-ispoll, u se mai l-rimedju kellu jkun kawza ghad-danni, huwa wkoll infondat. Huwa nfondat ghax mhux minnu li f’ dan il-kaz ma jikkonkorrux l-elementi necessarja sabiex tigi proposta l-azzjoni ta’ spoll, u huwa nfondat ukoll ghaliex, purche’ jikkonkorru r-rekwiziti necessarji, l-ghazla tar-rimedju tispetta lill-atturi.

Illi f’ dan il-kaz jirrizultaw sodisfatti t-tlett rekwiziti ghall-proponiment tal-azzjoni ta’ spoll. Fil-fatt mill-provi rrizultaw sodisfacentement provti s-segwenti.

1. Illi l-atturi kellhom il-pussess tal-fond in kwistjoni, flimkien ma’ Pauline Stagno, u allura kellhom il-pussess tal-accessorji kollha u cioe’ tal-bieb tal-garage, tas-sistema tal-plumbing li tissupplixxihom bl-ilma, u tal-wiring tas-sistema tat-telefon. La darba dawn kellhom il-<u>pussess materjali</u> ta’ dawn l-oggetti huma ghandhom id-dritt li jiddefendu dan il-pussess kontra vjolazzjoni da parti ta’ terzi, inkluza l-ko pussessur.

2. Illi ma hemmx dubbju li l-atti li gew kommessi mill-ahwa Stagno, huma <u>turbattivi ta’ dan il-pussess</u>; kif ukoll ma hemmx dubbju li l-iskop ewlieni kien, mhux li jsiru danni, izda l-*animus spoljandi,* konsistenti fl-intenzjoni u fil-hsieb li jipprivaw lill-atturi mill-pussess ta’ dawn l-oggetti <u>essenzjali</u> ghall-abitazzjoni f’ dan il-fond. L-atti kienu turbattivi tal-pussess u saru proprju b’ dan l-iskop.

Illi f’ dan l-istadju, u fic-cirkostanzi, il-bran citat mill-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu ghandu relevanza qawwija f’ dan il-kaz, u jkompli jsahhah it-tesi ta’ din il-Qorti li r-rimedju li kien jispetta lill-konvenuti ma kienx li jiehdu l-ligi b’ idejhom billi jkissru u jaghmlu azzjonijiet kriminuzi u jiddisturbaw illegalment il-pussess ta’ terzi, imma l-ligi tirrikjedi li dawn kellhom <u>jaghmlu uzu mill-mezzi provduti mill-ligi u mir-rimedji legali</u>. Il-principju *“spoliatus ante omnia restituendus”* huwa bazat fuq dan il-

kriterju. Hekk tirrikjedi l-esigenza socjali u ordni pubbliku. *"In omaggio al principio spoliatus ante omnia restituendus, il detentore qualificato [per ez. l'inquilino] puo' agire anche contro il-possessore che l' abbia spogliato: anche se il-locatore vanta u diritto al restituzione della cosa, potra far valere questo in gudizzio ma non gli e' consentito farsi giustizja da se ponendo in essere un' attivita' violenta o clandestina"*[1]

3. Illi l-azzjoni saret infra bimestri stante li, filwaqt li l-atti gew kommessi ghall-ahhar ta' Marzu 1997, ic-citazzjoni odjerna giet prezentata fl-14 ta' Mejju 1997; u ghalhekk anke dan ir-rekwizit huwa sodisfatt.

Ghaldaqstant t-talbiet attrici huma sostnuti fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu milqugha. Jigi rilevat pero' ghall-finijiet tat-tieni u tat-tielet talba li fil-mori tal-kawza, il-bieb tal-garage reggha twahhal u l-linji tat-telefon gew restawrati, u ghalhekk ma hemmx lok ta' provvediment ulterjuri f' dan ir-rigward.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-atturi u tiddikjara li l-konvenuti Anthony u John Stagno kkommettew spoll vjolent u klandestin fil-konfront tal-atturi; u tordna lill-istess konvenuti sabiex fi zmien xahar jirripristinaw lill-atturi fl-istat prestinu ghal dawk li huma kanen tal-ilma u accessorji relattivi f' mod li l-atturi jerggha jkollhom is-servizz tal-ilma bil-mod kif kellhom qabel ma gie turbat il-pussess taghhom f' dan ir-rigward; u f' kaz li l-konvenuti jibqghu inadempjenti, l-atturi huma awtorizzata sabiex, wara l-iskadenza ta' l-imsemmi perijodu, jaghmlu x-xogholijiet necessarji a spejjez tal-konvenuti.

Billi ma rrizultax li l-kjamati fil-kawza Dolores Stagno u Rosanna Stagno ppartecipaw materjalment fl-atti fuq indikati, il-Qorti tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju.

---

[1] *Manuale Di Diritto Privato* – Torrente – nona edizione p.336 – sottolinear mizjud.

Spejjez kollha a kariku tal-konvenuti Anthony u John Stagno.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------